MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 10/2006/1

**Gama Said Karfus**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u**
**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment dwar ir-ritwalita` o meno tar-rikors ta' appell interpost minn Gama Said Karfus[1] minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, <u>fis-</u>

[1] Minn xi atti jirrizulta li isem ir-rikorrent jinkiteb ukoll "Juma Sais Karfoos".

27 ta' April 2006. Permezz ta' l-imsemmija sentenza dik il-Qorti kienet cahdet it-talbiet tar-rikorrent Gama Said Karfus kif minnu migjuba fir-rikors promotorju.

**2.** Fir-rikors promotorju tal-21 ta' Frar 2006, Gama Said Karfus allega li bid-digriet tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Jannar 2005 – digriet li permezz tieghu dik il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali kienet nehhiet il-kundizzjoni ta' garanzija personali fis-somma ta' hmistax-il elf lira (Lm15,000) u minflokha dahhlet il-kundizzjoni li l-imputat Gama Said Karfus jew jiddepozita taht l-awtorita` taghha s-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) jew igib plegg idoneu li jintrabat bil-miktub f'dik is-somma ta' hamest elef lira – kienu gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu protetti bl-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa talab li jigi hekk dikjarat, cioe` li kien hemm tali ksur, u li l-Qorti taghti r-rimedji u direttivi opportuni biex jitwettqu dawn id-drittijiet. Kif inghad, il-Prim Awla kienet ta' fehma kuntrarja u cahdet it-talbiet tieghu, bl-ispejjez ukoll kontra tieghu.

**3.** Gama Said Karfus appella quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – permezz ta' rikors ippresentat fis-17 ta' Mejju 2006, cioe` tlettax-il (13) gurnata utili (jew ghoxrin (20) gurnata) wara d-data tas-sentenza appellata. Permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2006, din il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-bierah (25 ta' Mejju 2006) "bla pregudizzju ta' jekk l-istess rikors ta' appell giex presentat o meno fiz-zmien li trid il-ligi".

**4.** Fl-udjenza tal-bierah, din il-Qorti ssollevat "ex officio" in-nullita` tar-rikors ta' appell peress li dan jidher li kien gie presentat *fuori termine*. Id-difensur ta' l-appellant talab zmien biex ikun jista' jirregola ruhu, u din il-Qorti pposponiet is-smigh ta' l-appell. Wara li rega' ssejjah l-appell u regghu dehru d-difensuri tal-partijiet kif ukoll l-appellant, l-appellati wkoll formalment eccepew l-irritwalita` tar-rikors ta' appell ghax ippresentat barra miz-zmien. Din il-Qorti halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

**5.** Skond ir-Regola 4(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proceduri tal-Qrati[2], f'kawzi bhalma hija dik odjerna, cioe` li tinvoka ksur tad-drittijiet fondamentali bi ksur tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea, *"Ir-rikors ta' appell ghandu jsir fi zmien tmint ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni appellata…".* L-Artikolu 4(6) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[3] jipprovdi, in fatti, li *"Ir-Regolamenti tal-Qorti maghmula skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif minn zmien ghal zmien fis-sehh* [referenza ghar-Regoli msemmija in kwantu maghmula taht l-imsemmi Artikolu 46(7)], *ghandhom japplikaw* mutatis mutandis *dwar il-prattika u l-procedura tal-qrati ghall-finijiet ta' dan l-artikolu daqs li kieku l-procedimenti maghmulin taht dan l-artikolu kienu procedimenti maghmulin taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni."*

**6.** Huwa evidenti ghalhekk li r-rikors ta' appell kellu jigi ppresentat f'dan il-kaz sa mhux aktar tard minn nhar il-Erbgha 10 ta' Mejju. L-appellant, invece, jidher li ghazel li jsegwi r-regola ta' l-appelli ordinarji minn decizjonijiet tal-Prim Awla, u cioe` li jippresenta l-appell tieghu fi zmien ghoxrin gurnata (*running days* a differenza ta' granet tax-xoghol jew granet utili) mid-data tas-sentenza – Artikolu 226(1) tal-Kap. 12.

**7.** Il-legislatur evidentement ipprovda ghal zmien iqsar biex isir rikors ta' appell f'materja ta' drittijiet fondamentali proprju minhabba n-necessita` li f'tali materja jkun determinat mill-aktar fis possibbli jekk il-parti li kontra taghha tkun inghatat is-sentenza ta' l-ewwel grad tkunx sejra tikkontesta dik id-decizjoni jew inkella tkunx sejra tissokkombi ghaliha.

**8.** It-termini ossia zminijiet li fihom ghandhom jigu presentati rikorsi ta' appell huma ta' ordni pubbliku, u l-inosservanza taghhom hija sollevabbli mill-Qorti *ex officio* in kwantu, skadut dak it-terminu, id-dritt ta' azzjoni neccessarjament ikun intilef peress li s-sentenza ta' l-ewwel grad tkun ghaddiet in gudikat *ope legis* u tkun

[2] Avviz Legali 35 ta' l-1993 – Legislazzjoni Sussudjarja 12.09
[3] Kap. 319.

tifforma stat bejn il-partijiet. Ic-certezza tad-dritt hekk tirrikjedi.

**9.** Fil-kaz in dizamina ma ingabet ebda raguni ghala tali terminu ta’ tmient ijiem utili – tlettax-il gurnata b’kollox – ma giex (jew forsi ma setax jigi) osservat. Id-difensur ta’ l-appellant, fl-udjenza tal-bierah, semplicement illimita ruhu li jitlob sentenza fuq il-kwistjoni.

**10.** Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell ta’ Gama Said Karfus tas-17 ta’ Mejju 2006 irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------